KUMMISSJONI NAZZJONALI PERSUNI B'DIZABILITÀ

NATIONAL COMMISSION PERSONS WITH DISABILITY

MALTA

30 ta' April 2003

# MESSAGG tal-KNPD ghal JUM IL-HADDIEM

Il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Dizabilita'(KNPD) temmen li ghandu jsir kull sforz biex jitwettaq fil-prattika id-dritt ta' kull persuna ghax-xoghol siewi u dinjituz. Ghalhekk il-KNPD tishaq fuq il-bzonn li jinghata t-tahrig u s-sapport kollu sabiex kull persuna, inkluz persuni b'dizabilita', li jistghu jidhlu fid-dinja tax-xoghol jinghataw din l-opportunita`.

Il-KNPD hija mhassba ferm dwar in-numru fqir ta' persuni b'dizabilita' li ghandhom impjieg siewi. Il-persentagg ta' persuni b'dizabilita' li jistghu jahdmu zgur m'huiex rifless f'dan in-nurmu daqstant fqir. Dan il-persentagg huwa wkoll ta diskriminazzjoni f'kull stadju tal-process ta' l-impjiegi (minn tiftiex, sapport fuq il-post tax-xoghol u tahrig), li jridu jiffaccjaw il-persuni b'dizabilita' fil-qasam tax-xoghol.

F'dan ir-rigward, problema partikolari hija l-attitudni negattiva ta' numru sostanzjali ta' employers. Problema ohra tinholoq minhabba l-ostakli fizici fl-ambjent tax-xoghol.

Il-figuri skond l-Ufficcju Nazzjonali ta' l-Istatistika juru bic-car l-izbilanc fit-tqassim tal-persuni li ghandhom xi forma ta' dizabilita' fejn insibu

| | |
|---|---|
| Impjegati | 32.2% |
| Mhux impjegati | 4% |
| Mhux attivi | 63.8% |

Il-Ligi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Dizabilita') 2000, tahdem biex tigi mxejjena, jew imnaqqsa din l-ingustizzja. Hija tippromwovi l-inkluzjoni anke fil-qasam tax-xoghol bil-ligijiet li jikkrejaw opportunitajiet indaqs fis-suq tax-xoghol. Il-Ligi tghid li l-ebda agenzija tax-xoghol, min ihaddem jew trade union ma jistghu jiddiskriminaw, bla raguni serja, f'kull qasam tax-xoghol, inkluz:

- l-ingagg
- it-tahrig
- il-promozzjonijiet
- it-tkeccija
- is-shubija



Centru Hidma Socjali, Triq Braille, Sta. Venera HMR 18, MALTA
Telefon: 487789 · 448521 · 245952 Fax: 484609 Text telefon: 446536
Centru: 441311, ext. 218 Email: helpdesk@knpd.org

Il-Ligi tkompli u tghid li jridu jigu kkunsidrati u maghmula bdil ragonevoli, inkluz

- Fl-aspetti fizici tax-xoghol
- Fil-makkinarju
- Fil-mod kif isir ix-xoghol

Fuq bazi regjonali, il-KNPD jemmen li id-Direttiva ta' l-Unjoni Ewropea fuq id-diskriminazzjoni hija pass importanti f'dan il-qasam. Il-KNPD tinnota ukoll li parti mill-fondi strutturali li ser jinghataw lil Malta mill-Unjoni Ewropea li huma immirati biex izidu r-rati ta' l-impjiegi f'Malta billi jghinu lil gruppi zvantaggati li jinkludi ukoll lil persuni b'dizabilita'.

Il-figuri skond l-Ufficcju Nazzjonali ta' l-Istatistika juru bic-car l-izbilanc fit-tqassim tal-persuni li ghandhom xi forma ta' dizabilita' fejn insibu

- Impjegati 32.2%
- Mhux impjegati 4%
- Mhux attivi 63.8%

Il-Kummissjoni tinnota b'sodisfazzjon li l-partiti politici Maltin jaqblu li hemm bzonn li dawk il-persuni b'dizabilita' li jistghu, ghandhom ikunu aktar produttivi u mhux isiru dipendenti fuq beneficcji socjali bla bzonn. Biex dan isehh, jehtieg li jkun hawn process mahsub, b'rizorsi adekwati, biex il-persuni b'dizabilita' jibdew jigu mhegga (sa mill-bank ta' l-iskola) biex ifittxu l-impjieg, jinghataw it-tahrig u s-sapport mehtieg biex izommu l-impjieg.

Jehtieg ukoll li jkun hawn kampanja ta' edukazzjoni kontinwa sabiex jintrebah il-predugudizzju li jezisti minn naha ta' min ihaddem sabiex dawn jibdew jifhmu li l-persuni b'dizabilita' huma kapaci jahdmu u ta' min jimpjeghom. Hekk biss, b'hidma koordinata, nistghu nindirizzaw l-isfidi serji li hemm f'dan il-qasam.